4. Illi l-artikolu tmienja tat-testament su ċitat, it-testatur jelenka li qed iħallu bħala legat lit-tfal ta' oħtu l-mejta Rita Ciappara u allura l-esponenti f'din il-kawża lil Maryanne Ciappara, Pawlu Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb u Angele Grima s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) kull wieħed, lit-tfal tal-mejjet ħuh Felic Attard, ergo' l-esponenti Charles Attard, Josepine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard u Elizabeth Elkhiate s-somma b'legat ta' tlett elef ewro kull wieħed (€3,000), lit-tfal ta' oħtu Carmela Sacco ergo' l-esponenti Joseph Sacco, Marthese Mizzi u Giorgina Sacco s-somma ta' tlett elef ewro kull wieħed (€3,000). It-testatur fl-istess Artiklu jħalli b'legat lit-tfal tal-eżekutur li iżda ma humiex parti f'din il-kawża odjerna;

5. Illi permezz tal-istess testament hawn mehmuż t-testatur iħalli b'legat ieħor, kwalunkwe flus u investimenti li jibqa' wara li jiġu mħallsa l-legati kollha msemmija fl-artikoli preċedenti, inkwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil oħtu Nina Attard li mhux parti f'din il-kawża, inkwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil oħtu Carmela Sacco bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha, liema Carmela Sacco mietet u allura s-sehem huwa dovut lill-esponenti Joseph Sacco, Marthese Mizzi u Giorgina Sacco, inkwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil ulied il-mejta oħtu Rita Ciappara u allura lill-esponenti Maryanne Ciappara, Pawlu Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb u Angele Grima, inkwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil ulied Felic Attard, ergo' l-esponenti Charles Attard, Josephine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard u Elizabeth Elkhiate, in oltre t-testatur ħalla inkwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lill-konvenut Joseph Attard bis-sostituzzjoni vulgari ta' wliedu;

(ID 306066M), Joseph Sacco (ID 23430G), Giorgina Sacco (ID 497473M), Marthese Mizzi (ID 449983M), Sonia Maria Xuereb (ID 120764M), Paul Ciappara (ID 96262M), Josephine Azzopardi (ID 675460M), Angela Grima (ID 327767M), Maryanne Ciappara (ID 349457M):

1. That the plaintiffs are all legatees of the late Anthony sive Anton Felic Attard and this according to the last will of the same Anthony sive Felic Attard drafted by the Notary Dr Enzo Refalo on the 9th of March, 2018, at 11.15 a.m. A copy of the will is attached and marked as Doc. 'CA 1';

2. That the same will appointed the defendant Joseph Attard as the executor of the will, as well as his universal heir after the numerous legacies left by the late Anton Felic Attard are distributed according to the same will;

3. That the legatees, also plaintiffs according to the same will were named on a number of legacies as identified in two instances by means of Articles eight and ten of the same will;

4. That in the eighth article of the aforesaid will, the testator lists as legatees the children of his deceased sister Rita Ciappara, who are the plaintiffs in this case, to Maryanne Ciappara, Paul Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb and Angele Grima the sum of five thousand euros (€5,000) each, to the children of the deceased brother Felic Attard, ergo plaintiffs Charles Attard, Josephine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard and Elizabeth Elkhiate the sum with a legacy of three thousand euros each (€3,000), to the children of his sister Carmela Sacco and the plaintiffs Joseph Sacco, Marthese Mizzi and Giorgina Sacco the sum of three thousand euros each (€3,000). The testator in the same Article bequeaths legacies to the children of the executor, who are not party to this present case;

5. That by the same will herewith the testator leaves via another legacy, any money and investments which remain after the payment of all the legacies mentioned in the preceding articles, in respect of the part of five undivided (1/5) to his sister Nina Attard who is not a party in this case, as for the part of five undivided (1/5) to his sister Carmela Sacco with the vulgar substitution of her children, which Carmela Sacco died and therefore the share is due to the plaintiffs Joseph Sacco, Marthese Mizzi and Giorgina Sacco, for the part of five undivided (1/5) to the children of the deceased sister Rita Ciappara, therefore to the plaintiffs Maryanne Ciappara, Pawlu Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb and Angele Grima, for the part of five undivided (1/5) to the sons of Felic Attard, ergo the plaintiffs Charles Attard, Josephine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard and Elizabeth Elkhiate, in addition the testator left an undivided (1/5) to the defendant Joseph Attard with the vulgar substitution of his children;

6. Illi wara l-mewt tal-mibki Anthony sive Anton Felic Attard, l-eżekutur tramite n-Nutar Josianne Mifsud u d-dokument mehmuż u mmarkat bħala Dok. 'CA 2' ried jgħaddi lil-legatarji hawn esponenti l-ammont li t-testatur ħalla lill-legatrji skont l-Artiklu tmienja biss tat-testment u dan mingħajr ma ta ebda rendikont tal-assi li kellu t-testatur sabiex l-legatarji jkunu mgħarrfa u jkollhom l-informazzjoni li l-legat imħolli lilhom qed jiġi mqassam skont x-xewqa tat-testatur;

7. Illi sussegwentament l-esponenti interepellaw permezz ta' bosta ittri bonarji u anke ittra uffiċjali sabiex jagħti rendikont ta' kif l-eżekutur wasal għas-somma minnu indikata li bażikament kienet biss is-somma msemmija fl-artikolu tmienja tat-testment;

8. Illi l-konvenut u l-eżekutur tat-testment baqa' jirrifjuta li jagħti rendikont tal-assi li kellu l-mibki Anton Felic Attard u minflok beda jgħid li l-esponenti għandhom ir-rgħiba u li ma huma kunenti b'xejn. L-eżekutur hawn esponenti dejjem irrifjuta li jagħti l-informazzjoni neċessarja jew inkella ta nofs informazzjoni;

9. Illi sussegwentament il-konvenut Joseph Attard ippreżenta sensiela ta' ċedoli ta' depożitu b'ammonti differenti fil-konfront tal-esponenti. Illi fl-istess ċedoli hemm somma verjuri għal dak li ġie offrut lill-esponenti u liema somma la qatt ġiet offruta lill-esponenti u wisq anqas ingħata rendikont u b'hekk l-istess ċedoli huma intempestivi u abbużivi;

10. Illi għalhekk l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jintavolaw din il-kawża odjerna.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tistabbillixi l-ġid kollu li kellu t-testatur Anthony sive Anton Felic Attard fil-mument ta' mewtu u tordna anke permezz ta' perit nominat mill-istess Qorti li jsir rendikont ta' kif kellu jitqassam il-ġid tat-testatur skont il-legati msemmija;

2. Tordna lill-konvenut iħallas l-imsemmija legati lill-esponenti skont it-testment tat-testur Anthony sive Anton Felic Attard f'terminu perentorju, hekk kif stabbilit mill-istess Onorabbli Qorti u skont r-rendikont tal-ġid li kellu t-testatur u skont il-legati msemmija fl-istess testament;

3. Tordna l-konvenut iħallas l-imgħaxijiet fuq is-somma stabbilita li trid tingħata skont il-legat imħolli lilhom, mid-data tal-preżentata taċ-ċedoli ta' depożitu li intavola l-konvenut intempestivament;

6. That after the death of the late Anthony sive Anton Felic Attard, the executor through the Notary Josianne Mifsud and the attached document marked as Doc. 'CA 2' wanted to pass on to the legatees, here plaintiffs, the amount that the testator left to them in accordance with Article eight of the will solely and this without any statement of the assets held by the testator so that the legatees would be informed and have the information that the legacy left to them is being distributed in accordance with the wishes of the testator;

7. That subsequently the applicants enjoined by means of several legal letters and even an official letter in order to give an account of how the executor arrived at the sum indicated by him which was only the sum mentioned in article eight of the same will;

8. That the defendant and the executor of the will continued to refuse to give an account of the assets held by the late Anton Felic Attard and instead began to state that the plaintiffs are greedy. The executor has always refused to provide the necessary information or provided scarce information;

9. That subsequently the defendant Joseph Attard presented a series of deposits of funds through a court application (ċedoli ta' depożitu) in respect of the plaintiffs. That in the same deposits (ċedoli ta' depożitu) there is a different sum than what was offered to the plaintiffs originally and the same sum was never offered to the plaintiffs and furthermore no explanation on how he derived this sum was given and thus the same deposits are untimely and abusive;

10. That therefore the applicants had no choice but to put forward this present case.

Accordingly, the applicants respectfully request that this Honourable Court:

1. Establish all the wealth that the testator Anthony sive Anton Felic Attard had at the time of his death and also orders through an architect nominated by the same Court to make account of how the testator's wealth was to be distributed according to the aforementioned legacies;

2. Orders the defendant to pay the said legacies to the plaintiffs in accordance with the will of the testator Anthony sive Anton Felic Attard within a peremptory term, as established by the same Honourable Court and according to the account of wealth held by the testator at the time of his death and according to the legacies mentioned in the same will;

3. Orders the defendant to pay interest on the fixed sum to be paid in accordance with the legacy left to them from the date of filing of the deposit of funds (ċedola ta' depożitu) which the defendant untimely filed;

4. Tistabbillixi li ċ-ċedoli ta' depożitu li intavola l-konvenut testatur Joseph Attard huma intempestivi u allura kull spejjeż marbuta mal-istess ċedoli ta' depożiti għandhom jiġu sopportati mil-istess konvenut;

5. Tordna l-likwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri fil-konfront tal-esponenti stante d-danni minnhom sofferti għax il-konvenut ma wettaqx dmiru u ta rendikont tal-ġid li kellu t-testatur.

Bl-ispejjeż

Is-smigħ tar-rikors huwa differit għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2022, fid-disgħa ta' filgħodu (9.00 a.m.) fl-edifiċju tal-Qorti ta' Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 12 ta' Awwissu, 2022

JOHN VELLA
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

4. Establish that the deposit of funds (ċedola ta' depożitu) filed by the defendant Joseph Attard are untimely and therefore any costs related to the same deposit of funds (ċedoli ta' depożitu) must be borne by the same defendant;

5. Orders the liquidation of damages arbitrio boni viri against the plaintiffs for the damages suffered by them due to the fact that the defendant did not perform his duty in failing to give account of the testator's wealth.

With costs and with interests

The hearing of the application is deferred to Thursday, 29th September, 2022, at nine o'clock in the morning (9.00 a.m.), in the Gozo Court building.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 12th of August, 2022

JOHN VELLA
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1447

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 82/2022BS) minn Alice sive Helen Frix-Ross, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Angelo Said, ġja miżżewweġ lil Mary Said née Zammit, bin il-mejtin Michael Said u Maria née Grima, imwieled in-Nadur Għawdex fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) u miet ġewwa New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, fit-tnjen (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), intestat. Illi d-decujus hawn Malta kellu settima (1/7) parti indiviża minn dawn il-beni immobbli: i) Tliet kwarti (3/4) indiviżi ta' fond urban numru disgħin (90), Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex; ii) Fond urban numru ħamsa (5), Sqaq numru wieħed (1), Triq Ta' Żrajk ġja Triq Ta' Ħanaq, In-Nadur, Għawdex; iii) Porzjon art fi Triq Għajn Qasab, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 383m.k., tmiss mil-Lbiċ ma' Triq ir-Ramla u mill-irjiħat l-oħra ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti; iv) Porzjon art fi Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 87m.k., tmiss mill-irjiħat kollha ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti. Illi d-decujus kienu wirtuh skont il-liġi ibnu Jack Said u martu Mary Said fi kwoti ta' parti minn erbatax-il parti (1/14) indiviżi kull wieħed. Ibnu Jack Said miet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April, 2007. Huwa miet ġuvni, intestat u implore u s-sehem tiegħu għadda ex

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the twenty-six (26th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 82/2022BS), Alice sive Helen Frix-Ross requested the opening of the succession of Angelo Said, formerly married to Mary Said née Zammit, son of the late Michael Said and Maria née Grima, born in Nadur Gozo on the second (2nd) of April of the year one thousand nine hundred and fifty one (1951) and died in New York, United States of America, on the second (2nd) of January in the year two thousand and seven (2007), intestate. That the decujus here in Malta had a seventh (1/7) undivided part of these immovable assets: i) Three quarters (3/4) divided of urban lot number ninety (90), Triq il-Knisja, Nadur, Gozo; ii) Urban lot number five (5), Alley number one (1), Triq Ta' Żrajk formerly Triq Ta' Ħanaq, Nadur, Gozo; iii) A portion of land in Triq Għajn Qasab, Nadur, Gozo, measuring around 383 sq.m., bordering from the southwest with Triq ir-Ramla and from the other winds with third parties unknown to the exponents; iv) A piece of land in Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo, measuring about 87 sq.m., is bordered by all winds with third parties unknown to the exponents. That the decujus heirs according to the law where his son Jack Said and his wife Mary Said in quotas of part of fourteen parts (1/14) undivided each. His son Jack Said died on the twenty-fourth (24) of April, 2007. He died a bachelor, intestate and implore and his share passed ex lege on

lege fuq ommu Mary Said li saret proprjetarja tal-kwota sħiħa li kellu żewġha Angelo Said. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Angelo Said għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè martu Mary Said née Zammit, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

his mother Mary Said who became the owner of the full quota that her husband Angelo Said had. That it is necessary that the succession of the said Angelo Said should be done in favor of his heirs according to the law and that is to his wife Mary Said née Zammit, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 17th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1448

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 83/2022BS) minn Alice sive Helen Frix-Ross, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Gerald Said, ġja divorzjat, bin il-mejtin Michael Said u Maria née Grima, imwieled in-Nadur, Għawdex, fit-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u erbgħin (1940) u miet ġewwa New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), intestat. Illi d-decujus wirtuh ex lege ż-żewġ uliedu Michael Said u Maria née Moore u li mietet f'Hampshire, ir-Renju Unit, fil-5 ta' Lulju, 2017, u billi mietet intestata, is-sehem tagħha mill-wirt ta' missierha Gerald Said għadda favur iż-żewġ uliedha Shaun Moore bin Martin Moore u Ryan Whitlock bin Nigel Whitlock fi kwoti ugwali bejniethom. Illi d-decujus hawn Malta kellu settima (1/7) parti indiviża minn dawn il-beni immobbli: i) Tliet kwarti (3/4) ndiviżi ta' fond urban numru disgħin (90), Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex; ii) Fond urban numru ħamsa (5), Sqaq numru wieħed (1), Triq Ta' Żrajk ġja Triq Ta' Ħanaq, In-Nadur, Għawdex; iii) Porzjon art fi Triq Għajn Qasab, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 383m.k., tmiss mil-Lbiċ ma' Triq ir-Ramla u mill-irjiħat l-oħra ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti; iv) Porzjon art fi Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 87m.k., tmiss mill-irjiħat kollha ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti. Illi filwaqt li Michael Said wiret kwota ta' parti minn erbatax-il parti (1/14) indiviża mill-wirt ta' missieru Gerald Said, in-

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the twenty-six (26th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 83/2022BS), Alice sive Helen Frix-Ross requested the opening of the succession of Gerald Said, formerly divorced, son of the late Michael Said and Maria née Grima, born in Nadur Gozo on the twelfth (12) of December of the year one thousand nine hundred and forty (1940) and died in New York, United States of America, on the twenty-seventh (27th) of March of the year one thousand nine hundred and ninety-five (1995), intestate. That the decujus was inherited ex lege by his two children Michael Said and Maria née Moore and who died in Hampshire, United Kingdom, on 5th July, 2017, and as she died intestate, her share of her father's inheritance Gerald Said passed in favor of her two sons Shaun Moore son of Martin Moore and Ryan Whitlock son of Nigel Whitlock in equal shares between them. That the decujus here in Malta had a seventh (1/7) undivided part of these immovable assets: i) Three quarters (3/4) divided of urban lot number ninety (90), Triq il-Knisja, Nadur, Gozo; ii) Urban lot number five (5), Alley number one (1), Triq Ta' Żrajk formerly Triq Ta' Ħanaq, Nadur, Gozo; iii) A portion of land in Triq Għajn Qasab, Nadur, Gozo, measuring around 383sq.m., bordering from the southwest with Triq ir-Ramla and from the other winds with third parties unknown to the exponents; iv. A piece of land in Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo, measuring about 87sq.m., is bordered by all winds with third parties unknown to the exponents. That while Michael Said inherited a quota of part of fourteen parts (1/14) undivided

neputijiet Shaun Moore u Ryan Whitlock għandhom sehem ta' parti minn tmienja u għoxrin partijiet (1/28) indiviżi kull wieħed. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Gerald Said għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè ibnu Michael Said fil-kwota ta' parti minn erbatax-il parti (1/14) indiviżi u favur in-neputijiet Shaun Moore u Ryan Whitlock ulied bintu l-mejta Maria Moore fil-kwoti ta' parti minn tmienja u għoxrin partijiet (1/28) indiviżi kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi zmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

from the inheritance of his father Gerald Said, the nephews Shaun Moore and Ryan Whitlock have a share of one part of twenty-eight parts (1 /28) undivided each. That it is necessary that the succession of the said Gerald Said should be done in favor of his heirs according to the law and that is to his son Michael Said in the quota of part of fourteen parts (1/14) undivided and in favor of the grandchildren Shaun Moore and Ryan Whitlock sons of his deceased daughter Maria Moore in the shares of one twenty-eighth part (1/28) undivided each, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 17th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1449

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 84/2022BS) minn Alice sive Helen Frix-Ross, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Peter Paul Said, ġuvni, bin il-mejtin Michael Said u Maria née Grima, imwieled in-Nadur, Għawdex, u miet ġewwa Toronto, Ontario, il-Kanada, fil-ħmisatx (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), intestat. Illi id-decujus hawn Malta kellu settima (1/7) parti indiviża minn dawn il-beni immobbli: i) Tliet kwarti (3/4) indiviżi ta' fond urban numru disgħin (90), Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex; ii) Fond urban numru ħamsa (5), Sqaq numru wieħed (1), Triq Ta' Żrajk ġja Triq Ta' Ħanaq, In-Nadur, Għawdex; iii) Porzjon art fi Triq Għajn Qasab, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 383m.k., tmiss mil-Lbiċ ma' Triq ir-Ramla u mill-irjiħat l-oħra ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti; iv) Porzjon art fi Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 87m.k., tmiss mill-irjiħat kollha ma' terzi mhux magħrufa lill-esponenti. Illi d-decujus wirtuh skont il-liġi l-esponenti, ħuh Michael Said u oħtu Michelina magħrufa bħala Kelly mart Calsen Barton, fi kwota ta' kwinta (1/5) parti indiviża kull wieħed, it-tfal ta' oħtu Lucia Mifsud ċjoè Lisa xebba Mifsud u Stephen Mifsud fi kwoti ta' deċima (1/10) parti indiviża kull wieħed, iben ħuh Gerald Said ċjoè

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the twenty-six (26th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 84/2022BS), Alice sive Helen Frix-Ross requested the opening of the succession of Peter Paul Said, bachelor, son of the deceased Michael Said and Maria née Grima, born in Nadur, Gozo, and died in Toronto, Ontario, Canada, on the fifteenth (15) of November of the year two thousand and eighteen (2018), intestate. That the decujus here in Malta had a seventh (1/7) undivided part of these immovable assets: i) Three quarters (3/4) divided of urban lot number ninety (90), Triq il-Knisja, Nadur, Gozo; ii) Urban lot number five (5), Alley number one (1), Triq Ta' Żrajk formerly Triq Ta' Ħanaq, Nadur, Gozo; iii) A portion of land in Triq Għajn Qasab, Nadur, Gozo measuring around 383sq.m., bordering from the southwest with Triq ir-Ramla and from the other winds with third parties unknown to the exponents; iv) A piece of land in Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo, measuring about 87 sq.m., is bordered by all winds with third parties unknown to the exponent. That the decujus was inherited according to the law by the exponent, his brother Michael Said and his sister Michelina known as Kelly wife of Calsen Barton, in a quota of one fifth (1/5) divided part each, the children of his sister Lucia Mifsud cjoe Lisa née Mifsud and Stephen Mifsud in quotas of one

Michael Said fi kwota oħra ta' deċima (1/10) parti indiviża u Shaun Moore u Ryan Whitlock ulied il-mejta Maria née Said fi kwoti ta' parti minn għoxrin parti (1/20) indiviżi kull wieħed. U stante li Angelo Said li kien ħuh ieħor li miet qablu kif ukoll iben Angelo Said, Jack Said miet ukoll qabel zijuh, il-wirt tal-mejjet għadda fuq ħames ċippijiet flok fuq sitt ċippijiet. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Peter Paul Said għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè oħtu Alice sive Helen Frix-Ross, ħuh Michael Said u oħtu Michelina sive Kelly Barton fi kwoti ta' kwinta (1/5) parti indiviza kull wieħed, favur it-tfal ta' oħtu l-mejta Lucia Mifsud sive Lisa xebba u Stephen aħwa Mifsud fi kwoti ta' deċima (1/10) partu indiviża kull wieħed u favur iben ħuh Gerald Said ċjoè Michael Said fi kwota ta' deċima (1/10) parti indiviża oħra u n-neputijiet Shaun Moore u Ryan Whitlock, ulied il-mejta Maria née Said fi kwoti ta' parti minn għoxrin parti (1/20) indiviżi kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

tenth (1/10) divided part each, his brother's son Gerald Said, that is Michael Said in another quota of one tenth (1/10) undivided part and Shaun Moore and Ryan Whitlock sons of the deceased Maria née Said in quotas of one part of twenty parts (1/20) undivided each. And given that Angelo Said who was another brother who died before him as well as Angelo Said's son, Jack Said also died before his uncle, the legacy of the deceased passed on five chips instead of six chips. That it is necessary that the succession of the said Peter Paul Said should be done in favor of his heirs according to the law and that is to his sister Alice sive Helen Frix-Ross, his brother Michael Said and his sister Michelina sive Kelly Barton in quotas of a fifth (1/5) undivided part each, in favor of the children of his deceased sister Lucia Mifsud sice Lisa Xebba and Stephen brothers Mifsud in quotas of one tenth (1/10) undivided part each and in favor of his brother's son Gerald Said that is Michael Said in quota of one tenth (1/10) other undivided part and his nephews Shaun Moore and Ryan Whitlock, sons of the deceased Maria née Said in quotas of one part of twenty parts (1/20) undivided each, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 17th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1450

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 90/2022BS) minn Carmen Gale et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Giusepp sive Joseph Grima, bin il-mejtin Carmelo Grima u Rosa née Said, imwieled Ta' Sannat, Għawdex, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija (1900) u kien jgħix f'Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerka, li presumibbilment miet fl-Istati Uniti tal-Amerika f'xi żmien wara l-1978, intestat. Illi sa fejn jafu l-esponenti ħadd miz-zijiet tagħhom qatt ma semma li Joseph Grima kien iżżewweġ u iktar u iktar li kellu wlied. Illi Joseph Grima kellu ħames (5) ħutu oħra: Karmnu li kien miet fl-1974; Anthony li kien miet fil-21 ta' Frar, 1976;

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the eight (8th) of August of the year two thousand and twenty two (2022) (Application number 90/2022BS), Carmen Galea et requested the opening of the succession of Giusepp sive Joseph Grima, son of the deceased Carmelo Grima and Rosa née Said, born in Ta' Sannat, Gozo, on the twenty-second (22) of October of the year one thousand nine hundred (1900) and lived in Michigan, United States of America, which presumably died in USA sometime after 1978, intestate. That as far as the exponents know none of their uncles ever mentioned that Joseph Grima was married and even more that he had children. That Joseph Grima had five (5) other brothers and sisters: Karmnu who had died in 1974; Anthony

Maria Rosa li mietet fid-19 ta' Diċembru, 1991; Nikola li kien miet fl-20 ta' Diċembru, 1994; u Carmela, xebba, li mietet fl-14 ta' Lulju, 2005. Illi Karmnu u Anthony, li mietu qabel Joseph kienu ġuvintur u bla wlied. Għaldaqstant, fi żmien meta nqata' l-kuntatt ma' Joseph Grima, l-uniċi qrabat tiegħu kienu t-tliet ħutu Maria Rosa, Nikola u Carmela u dawn kienu l-persuni msejħa għall-wirt tiegħu. Illi Maria Rosa mietet xebba fid-19 ta' Diċembru, 1991, u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-10 ta' Novembru, 1990, li permezz tiegħu nnominat lil oħtha Carmela Grima bħala eredi universali tagħha. Illi Carmela Grima, xebba, oħt l-imsemmi Joseph, mietet xebba u bla wlied fl-14 ta' Lulju, 2005. Hija rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-22 ta' Marzu, 2004, li permezz tiegħu ħatret lit-tliet neputijiet, ulied Nikola Grima, hawn taħt imsemmija bħala eredi universali tagħha. Illi Nikola Grima miet intestat fl-20 ta' Diċembru, 1994. Huwa kellu tliet ulied, l-esponenti Carmen Galea, Grace u Carmelo Grima. Grace mietet xebba u bla wlied fid-9 ta' Lulju, 2011. Hija mietet intestata u għalhekk wirtuha ż-żewġ ħutha Carmen Galea u Carmelo Grima. Carmelo Grima miet fis-16 ta' Jannar, 2012, u wirtuh martu Doris fi kwota ta' nofs u ibnu uniku Daniel Grima fi kwota ta' nofs ieħor. Illi għaldaqstant illum l-esponenti huma l-uniċi nies imsejħa għall-wirt ta' Joseph Grima bħala suċċessuri tat-tliet ħutu Maria Rosa, Nikola u Carmela Grima fuq imsemmija. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Giusepp sive Joseph Grima għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u dan fi kwota ta' nofs indiviż (1/2) favur Carmen Galea (KI 58738G) u kwart indiviż (1/4) kull wieħed u waħda favur Daniel Grima (KI 17575G) u Doris Grima (KI 42850G), ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

who died on 21th February, 1976; Maria Rosa who died on 19th December, 1991; Nikola who died on 20th December, 1994; and Carmela, spinster, who died on 14th July, 2005. That Karmnu and Anthony, who died before Joseph were bachelors and had no children. Therefore, at a time when contact with Joseph Grima was cut off, his only relatives were his three sisters Maria Rosa, Nikola and Carmela and these were the persons called for his inheritance. That Maria Rosa died a spinster on 19th December, 1991, and regulated her succession through a will in the acts of Notary Michael Refalo of 10th November, 1990, through which she nominated her sister Carmela Grima as her universal heir. That Carmela Grima, spinster, sister of the said Joseph, died a spinster and had no children on 14th of July, 2005. She regulated her succession through a will in the acts of the Notary Kristen Dimech of 22nd March, 2004, through which she appointed the three grandchildren, the sons of Nikola Grima, mentioned below as her universal heirs. That Nikola Grima died intestate on 20th of December, 1994. He had three children, exponent Carmen Galea, Grace and Carmelo Grima. Grace died a spinster and without children on the 9th of July, 2011. She died intestate and therefore her two sisters Carmen Galea and Carmelo Grima inherited her. Carmelo Grima died on the 16th of January, 2012, and his wife Doris inherited a half share and his only son Daniel Grima in another half share. That therefore today the exponents are the only people called to the inheritance of Joseph Grima as successors of his three sisters Maria Rosa, Nikola and Carmela Grima mentioned above. That it is necessary that the succession of the said Giusepp sive Joseph Grima should be done in favor of his heirs according to the law and this in a quota of an undivided half (1/2) in favor of Carmen Galea (KI 58738G) and an undivided quarter (1/4) each in favor of Daniel Grima (KI 17575G) and Doris Grima (KI 42850G), the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 17th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1451

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fl-1 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 39/2021 fl-ismijiet Louie Camilleri vs l-Awtorità tal-Ippjanar u għal kull interess li jista' jkollhom, it-terzi partijiet interessati, u ċjoè: Dr Albert Buttigieg, personalment u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan; Rena Mifsud; Saviour Grech; Victor Bonnici; Alexandra Bonnici; Etienne Borg Cardona; Elizabeth Borg Cardona; Michael Debono; Paul Masters; Natascha McQueen; Din l-Art Ħelwa, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmi Louie Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fis-27 ta' Ottubru, 2021, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fil-kawża bejn Louie Camilleri vs l-Awtorità tal-Ippjanar u għal kull interess li jista' jkollhom, it-terzi partijiet interessati, u ċjoè: Dr Albert Buttigieg, personalment u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan; Rena Mifsud; Saviour Grech; Victor Bonnici; Alexandra Bonnici; Etienne Borg Cardona; Elizabeth Borg Cardona; Michael Debono; Paul Masters; Natascha McQueen; Din l-Art Ħelwa, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar l-Erbgħa, dsatax (19) ta' Ottubru, 2022, fit-8.30 a.m.

Notifika: Louie Camilleri, 156, Bellagio, Triq Andrea Debono, In-Naxxar

Reġistru tal-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri), illum 17 ta' Awwissu, 2022

AV. DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 1st June, 2022, in the records of Application number 39/2021 in the names Louie Camilleri vs Planning AUthority and for any interest they might have, the third interested parties, that is: Dr Albert Buttigieg, personally and representing the St Julian's Local Council; Rena Mifsud; Saviour Grech; Victor Bonnici; Alexandra Bonnici; Etienne Borg Cardona; Elizabeth Borg Cardona; Michael Debono; Paul Masters; Natascha McQueen; Din l-Art Ħelwa, the following publication was ordered for the purpose of service of the notice of hearing on Louie Camilleri pursuant to Section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By a Notice of Hearing of a cause issued by the Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 27th October, 2021, and since the written proceedings before the Court of Appeal in the case between Louie Camilleri vs Planning Authority and for any interest they might have, the third interested parties, that is: Dr Albert Buttigieg, personally and representing the St Julian's Local Council; Rena Mifsud; Saviour Grech; Victor Bonnici; Alexandra Bonnici; Etienne Borg Cardona; Elizabeth Borg Cardona; Michael Debono; Paul Masters; Natascha McQueen; Din l-Art Ħelwa have been closed, the Court has set the hearing for next Wednesday, nineteen (19) October, 2022, at 8.30 a.m.

Notification: Louie Camilleri, 156, Bellagio, Triq Andrea Debono, Naxxar

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) this day 17th August, 2022

ADV. DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1452

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-16 t'Awwissu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 394/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Jodi Sparrow Pratt fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel dawk l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni sabiex ikun jidher li l-isem ta' Jodi Sparrow Pratt minn 'Jodi Kathryn' jinbidel għal 'Jodi Sparrow'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 16th August 2022, and upon an application numbered 394/2022, ordered:

The Director of the Public Registry that when he comes to register the Act of Birth of Jodi Sparrow Pratt in the Malta Public Registry, he makes the appropriate annotations or corrections so that it appears that the name of Jodi Sparrow Pratt from 'Jodi Kathryn' is changed to 'Jodi Sparrow'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 17 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday, 17th August 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1453

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-11 t'Awwissu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 647/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet neċessarji biex kull fejn jidher fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 4313/2016, l-isem 'Alicia Marie Isabelle', jibda jidher biss bhala 'Alicia'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa, 17 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 11th August 2022, and upon an application numbered 647/2022, ordered:

The Director of the Public Registry to make the necessary corrections or annotations so that wherever it appears in the Act of Birth bearing the number 4313/2016, the name 'Alicia Marie Isabelle', starts appearing only as 'Alicia'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday, 17th August, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1454

B'digriet tas-7 ta' Mejju, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn John Camilleri fl-1 ta' Marzu, 2018, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbat elef mitejn u sitta u tmenin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€4286.18) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 393/2018 fl-ismijiet:

John Camilleri (KI 341757M) vs Anton Abela (KI 238673M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Awwissu, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 7th May, 2022, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by John Camilleri on the 1st of March, 2018, is asking for the withdrawal of the amount of four thousand two hundred and eighty six euro and eighteen cents (€4286.18) deposited by the Schedule of Deposit number 393/2018 in the names of:

John Camilleri (ID 341757M) vs Anton Abela (ID 238673M)

The Court ordered the notification of this application with ten (10) days for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 18th August, 2022

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603